**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 4 TA' DICEMBRU, 2001

**Numru: 12**

**Avviz Nru: 1022/01 AE**

**John Lentini ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Enemalta Corporation sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Enemalta Corporation**

**vs**

**Felix Jeffrey Borg.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mitejn u zewg liri Maltin u erbgha centezmi (Lm202.04) danni sofferti

mis-socjeta attrici fl-incident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta' Settembru 2000 fi Triq Tigne Sliema bejn il-vettura bin-numru ENE 112 propjeta ta' Enemalta Corporation u l-vettura numru EAH 827 misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm notifikat baqa' ma deherx fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2001 u fis-seduta tal-lum u lanqas ma pprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-atturi.

Mill-provi jirrizulta ampjament li l-incident tat-traffiku li sehh fit-13 ta' Settembru 2000 gewwa Triq Tigne, Sliema sehh minhabba negligenza da parti tal-konvenut. Mill-provi rrizulta li l-konvenut kien qieghed jirriversja l-vann bin-numru EAH 827 u laqghet il-vettura bin-numru ENE 112 li hija propjeta tal-Korporazzjoni Enemalta u li fil-hin ta' l-incident kienet ipparkjata.

Fir-rigward tad-danni reklamati ma saret ebda kontestazzjoni u dawn jidhru gustifikati.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jilqa' t-talba ta' l-atturi u jikkudanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u zewg liri Maltin u erbgha centezmi (Lm202.04) danni sofferti mill-atturi fl-incident tat-traffiku li sehh fit-13 ta' Settembru 2000 u ghal liema ncident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

L-ispejjez (ghat-tenur ta’ l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**